MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Kostituzzjonali Numru 165/2019 LM

**Vincent Muscat**

***vs.***

**L-Avukat Ġenerali**

**u**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ppreżentat mir-rikorrent **Vincent Muscat** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent") fit-3 ta' Settembru, 2019, fejn ir-rikorrent issottometta dan li ġej:

*Illi nhar l-24 ta' Ġunju, 2008, ir-rikorrent tressaq b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, flimkien mal-koimputat Mario Spiteri, u fost għadd ta' imputazzjonijiet oħra, ġie akkużat talli fit-3 ta' Diċembru 2007, u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bil-ħsieb li jagħmel qligħ b'qerq għad-dannu tal-Casino di Venezia f'ammont ta' flus li jeċċedi l-elfejn*

*tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;*[1]

*Illi fl-istess seduta, ċioe dik tal-24 ta' Ġunju, 2008, ir-rikorrent wieġeb li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti staqsiet lill-uffiċjal prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali kienx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, l-uffiċjal prosekutur wieġeb fin-negattiv;*[2]

*Illi sussegwentement stante d-delungar inutli, fis-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2013, il-Qorti ordnat li ssir separazzjoni tal-ġudizzju sabiex il-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti u dawk kontra Mario Spiteri jitkomplew separatament.*[3] *Minkejja dan kollu minn qari akkurat tal-verbali sussegwenti inkluż iżda mhux biss dak ta' nhar it-13 ta' Diċembru, 2013, l-istess Qorti ordnat li l-kawża ta' Mario Spiteri tibqa' tinstema' kontestwalment mal-kawża tar-rikorrenti;*[4]

*Illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2018, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma fadallhiex iktar provi x'tipproduċi u fl-istess udjenza d-difiża ddikjarat li m'għandhiex provi in difesa xi tressaq;*[5]

*Illi fid-29 ta' Ottubru, 2018, ingħatat sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza illum tikkostitwixxi res judicata, fejn ir-rikorrenti, in vista tal-mankanza assoluta ta' provi, ma ġiex misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement ġie lliberat minn kwalunkwe ħtija u piena;*[6]

*Illi ta' min wieħed għaldaqstant jinnota li l-prosekuzzjoni damet 'il fuq minn għaxar (10) snin biex għalqet il-provi tagħha u dan id-delungar b'ebda mod ma kien attribwibbli għall-aġir tar-rikorrenti;*

*Inoltre, kif ser jiġi elaborat f'dan ir-rikors u fis-smigħ tiegħu, tali proċeduri ma kellhomx kumplessità aktar mill-medja u f'dan id-dawl bilkemm hemm għalfejn jingħad illi t-trapass ta' għaxar (10) snin u fuqhom sabiex il-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha żgur li ma jistax jitqies bħala żmien raġonevoli;*

***A. Dwar id-Dritt għal Smigħ Xieraq – Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem***

***A.1. Delungar inutli minħabba l-istennija tar-riżultati tal-ittri rogatorji***

[1] *A fol.* 1 tal-Atti Proċesswali.
[2] *A fol.* 27 tal-Atti Proċesswali.
[3] *A fol.* 211 tal-Atti Proċesswali.
[4] *A fol.* 214 tal-Atti Proċesswali.
[5] *A fol.* 346 tal-Atti Proċesswali.
[6] *A fol.* 358 tal-Atti Proċesswali.

*Fil-proċeduri mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali, il-Pulizija Eżekuttiva bdiet tinvestiga rapport ta' tentattiv ta' frodi għad-detriment tal-Casino di Venezia fil-bidu ta' Diċembru, 2007. Il-Pulizija allegat illi dina l-frodi mmaterjalizzat meta wieħed mill-ħaddiema tal-imsemmi stabbiliment tal-logħob ossia Brian Dingli, kien qiegħed jagħmel kuntatt mal-imputati u nfurmahom bis-sekwenzi tal-karti tal-logħob. Dan it-tip ta' logħob kien jinħtieġ* account *u rriżulta li l-*account *użat kien jappartjeni lil ċertu Joseph Buttigieg;*

*Minkejja l-fatt illi l-Pulizija investigat u ressqet lil Joseph Buttigieg il-Qorti akkużat bl-involviment tiegħu f'dan l-aġir kriminuż u minkejja l-fatt illi kien Buttigieg illi effettivament implika lill-esponenti f'din l-operazzjoni kriminuża, il-Prosekuzzjoni, minkejja d-diversi differimenti illi saru għal dan il-għan, baqgħet qatt ma ressqet lil Buttigieg sabiex jiddeponi fil-proċeduri kriminali mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali;*

*Sussegwentement, mix-xhieda ta' Philip Sammut tad-29 ta' Jannar, 2009, ġie skopert illi Joseph Buttigieg kien emigra lejn l-Awstralja ftit qabel is-sajf tas-sena 2008.*[7]

*Fl-10 ta' Settembru 2009, u ċioè madwar sena wara l-ewwel udjenza tal-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, l-uffiċjal prosekutur informa lill-Qorti li kien ser jikkonsulta mal-Avukat Ġenerali fuq il-ħtieġa li jintbagħtu ittri rogatorji lejn l-Awstralja ai termini tal-Artikolu 399 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex l-istar witness tal-Prosekuzzjoni, ossia Joseph Buttigieg, ikun jista' jiddeponi fil-konfront tar-rikorrent.*[8]

*Huwa bl-akbar rispett inkonċepibbli kif il-prosekuzzjoni bdiet taħseb sabiex tibgħat ittri rogatorji lejn l-Awstralja disa' xhur wara illi saret taf illi Buttigieg kien emigra ġewwa l-Awstralja!*

*Eventwalment, fit-18 ta' Mejju, 2010 ġew ippreżentati permezz ta' rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija l-ewwel sett ta' ittri rogatorji*[9]*, iżda wara oġġezzjoni tad-difiża biex jiġu riveduti ċertu domandi*[10]*, reġgħet saret talba riveduta oħra sena wara, u ċioe fis-6 ta' Ġunju, 2011.*[11]

*Wara trapass ta' sena minn meta saret it-talba riveduta għal assistenza legali, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, fil-verbal tat-2 ta' Lulju 2012*[12]*, filwaqt li rrimarkat li trapass ta' sentejn minn meta l-Prosekuzzjoni talbet sabiex Buttigieg jixhed permezz tal-ittri rogatorji jikkostitwixxi dewmien inskużabbli, esplorat ukoll il-*

---

[7] *A fol.* 92 tal-Atti Proċesswali.
[8] *A fol.* 121 tal-Atti Proċesswali.
[9] *A fol.* 162 *et seq* tal-Atti Proċesswali.
[10] *A fol.* 151 tal-Atti Proċesswali.
[11] *A fol.* 143 *et seq* tal-Atti Proċesswali.
[12] *A fol.* 194 tal-Atti Proċesswali.

*possibilità li tali assistenza tingħata permezz ta'* video conference. *Madanakollu, kif jirriżulta mill-atti proċesswali, tali* video conference *baqgħet ma saret qatt u per konsegwenza, għal darba oħra l-proċeduri baqgħu prattikament imwaħħlin għal kważi erba' snin sħaħ, u ċioe bejn Settembru 2012 u April, 2016.*

*Għandu jiġi rilevat li fit-18 ta' Novembru, 2015, il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent ġew assenjati lil Maġistrat ġdid stante li l-Maġistrat li kien qiegħed jippresjedi preċedentement irtira mill-kawża.*[13]

*In segwitu, l-arranġamenti sabiex tinżamm* video conference *ġew skartati u di fatti, nhar is-27 ta' April, 2016, il-Qorti reġgħet mill-ġdid talbet lill-Avukat Ġenerali sabiex ai termini tal-Artikolu 399 tal-Kodiċi Kriminali, jiġu trasmessi ittri rogatorji ġodda lejn l-Awstralja.*[14]

*Madanakollu, l-awtoritajiet Awstraljani baqgħu jiddilungaw u jirrikjedu informazzjoni addizzjonali għal diversi xhur bir-risposta definittiva tagħhom tkun dik datata 3 ta' Lulju 2018, u ċioe kważi sentejn wara li ntbagħtu l-ittri rogatorji.*[15]

*Permezz tal-istess risposta l-awtoritajiet Awstraljani ma aċċettawx li jesegwixxu talba għall-assistenza legali mitluba minn Malta* inter alia *peress li:*

"The Australian Federal Police has advised Australia's Central Authority that it does not have the resources available to facilitate Malta's request as it is fully engaged with more serious crime ... As you are aware, when Mr Buttigieg was approached by the AFP to provide a voluntary witness statement, he expressed his concern that the persons against whom he was testifying would seek retribution against him or his family in Malta, and that his family members were easily locatable given Malta's size."[16]

*Għaldaqstant, wieħed ma jistax ma jenfasizzax li ż-żmien kollu li ġie moħli, għad-dannu tar-rikorrenti, fil-mori tal-istennija tar-risposta rogatorjali kien kollu inutli u ma wassal assolutament għal imkien ħlief għal aktar detriment għar-rikorrenti li effettivament fl-2018 ġie ddikjarat mhux ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.*

*Bir-rispett jiġi sottomess li għalkemm id-dewmien f'dawn il-proċeduri kien* in parte *kkaġunat mill-aġir irresponsabbli tal-awtoritajiet Awstraljani, ma jfissirx li l-prosekuzzjoni hija skużata u li m'għandhiex tkun hi li twieġeb għall-istess aġir. Di fatti kienet il-Qorti stess li fil-verbal tal-20 ta' Lulju 2017, indikat hekk:*

[13] *A fol.* 245 tal-Atti Proċesswali.
[14] *A fol.* 268 tal-Atti Proċesswali.
[15] *A fol.* 343 tal-Atti Proċesswali.
[16] *A fol.* 343 *et seq* tal-Atti Proċesswali.

*"Il-Qorti tqis li dan id-dewmien għall-eżitu tal-ittri rogatorji huwa wieħed irraġonevoli fejn l-Avukat Ġenerali permezz tal-persuna inkarigata **naqas li jipproduċi evidenza li turi l-isforzi li qed isiru sabiex issir l-eżekuzzjoni."***[17]

*In sostenn ta' dan l-argument, issir referenza għas-sentenza mogħtija riċentement mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet:* ***Francis Portelli et vs Avukat Ġenerali,*** *deċiża nhar il-15 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti sostniet:*

*"Jirriżulta ppruvat illi ħafna żmien sfuma fix-xejn minħabba dewmien li jaslu r-risposti għall-ittri rogatorji, fatt dan li kien għal kollox taħt il-kontroll tal-intimat u/jew prosekuzzjoni;* ***ċertament mhux taħt il-kontroll jew skrutinju tal-akkużati jew tal-qorti. Għalhekk hija l-prosekuzzjoni li trid twieġeb għal kull nuqqas tagħha jew ta' ħaddieħor li jiddependi mill-ħidma tagħha."***

*Huwa kompletament inaċċettabbli li persuna akkużata b'reat ta' frodi, titħalla mdendla mingħajr ma taf x'sejjer jiġri minnha, għal total ta' 10 snin, purament minħabba mankanzi proċedurali fit-tħaddim tas-sistema rogatorjali. Dan iktar u iktar fejn ir-rikorrenti ma kkontribwixxa b'ebda mod għal dan id-delungar u kif ukoll in vista tal-fatt li l-eżitu finali ta' dawn il-proċeduri wasslu għal-liberatorja tal-istess rikorrent.*

*Fid-dawl tas-suespost jiġi enfasizzat li għal problemi riżultanti mill-inadekwatezza u l-kumplessità tal-istrutturi li tfasslu sabiex titħaddem il-magna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, m'għandux ibati l-akkużat, u dan in linea ma' dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet:* ***Central Mediterrenean Development Corporation Limited vs Avukat Ġenerali****, deċiża fl-14 ta' Novembru 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), fejn sar referenza għall-kawżi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:* ***Vacaturo vs Italy****, deċiża fl-24 ta' Mejju tas-sena 1991 u* ***G.H. vs Austria****, deċiża fit-3 ta' Ottubru tas-sena 2000, fejn hemmhekk ġie ritenut:*

"It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligation within a reasonable time."

***A.2. Delungar inutli minħabba l-assenza kontinwa tal-koimputat Mario Spiteri***

*Wara numru ta' seduti fejn il-koimputat Mario Spiteri naqas milli jidher għas-smigħ tal-kawża*[18]*, fl-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2013, l-uffiċjal prosekutur informa lill-*

[17] *A fol.* 92 tal-Atti Proċesswali.
[18] 19 ta' Novembru 2009 (*A fol.* 122); 4 ta' Mejju 2010 (*A fol.* 125); 28 ta' Novembru 2010 (*A fol.* 171); 2 ta' Lulju 2012 (*A fol.* 194).

*Qorti li l-istess Mario Spiteri ma baqax rintraċċabbli u l-kawża ġiet differita bi skop prinċipali li jerġa' jiġi rintraċċat l-imputat Mario Spiteri.*[19]

*Fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2013, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti kkonċediet differiment ieħor, għas-6 ta' Diċembru, 2013, sabiex il-prosekuzzjoni teżamina jekk kienx denju li l-Qorti tordna s-separazzjoni tal-ġudizzju u dan sabiex ir-rikorrent ma jibqax imdendel kif kien ilu mis-sena 2008.*[20]

*Finalment, fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2013, il-Qorti għaddiet sabiex tordna s-separazzjoni tal-ġudizzju u ddifferixxiet il-kawża kontra Mario Spiteri* sine die *u l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent għat-13 ta' Marzu, 2014.*[21]

*Illi dan ifisser li minħabba l-assenza kontinwa tal-koimputat Mario Spiteri, u minħabba l-fatt biss li dan tal-aħħar ma baqax rintraċċabbli, għaddiet sena oħra u f'din is-sena, ċioe bejn id-29 ta' Mejju, 2013, u 13 ta' Marzu, 2014, ma sar assolutament xejn u per konsegwenza l-proċeduri baqgħu fi stat staġnat.*

*Inoltre, għandu jiġi rilevat li fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2014, il-Qorti ordnat li l-proċeduri fil-konfront ta' Mario Spiteri jibqgħu jinstemgħu kontestwalment mal-proċeduri kontra r-rikorrent.*[22]

*Wieħed għaldaqstant jistaqsi, jekk l-iskop ewlieni li ġie ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju kien proprju sabiex il-proċeduri jitħaffu u r-rikorrent ma jibqax imdendel, x'kien eżattament il-punt li l-istess proċedura mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali jibqgħu jinstemgħu kontestwalment ma' dawk tal-koimputat Spiteri?*

*Bl-ikbar dovut rispett, imma għal din il-mistoqsija ma hemm l-ebda tweġiba loġika!*

*U dan fil-waqt li l-esponenti kien għadu qiegħed jiġi rinfaċċjat b'akkużi ta' frodi.*

*Bir-rispett kollu, però bid-deċiżjoni tal-Qorti li ż-żewġ proċeduri jibqgħu jinstemgħu kontestwalment, l-ordni tas-separazzjoni tal-ġudizzju rrendiet ruħha inutli u dan għaliex għad-dewmien ikkaġunat bl-aġir irresponsabbli tal-koimputat Mario Spiteri, baqa' xorta waħda jbati l-konsegwenzi r-rikorrent u dan minkejja l-fatt li dan tal-aħħar rarament naqas milli jidher għas-smigħ tal-proċeduri fil-konfront tiegħu.*

*In sostenn ta' dan il-punt, issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet:* ***Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali****, deċiża nhar l-1 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti sostniet:*

[19] *A fol.* 205 tal-Atti Proċesswali.
[20] *A fol.* 209 tal-Atti Proċesswali.
[21] *A fol.* 211 tal-Atti Proċesswali.
[22] *A fol.* 214 tal-Atti Proċesswali.

*"Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, hi tal-fehma li r-rikorrent m'għandux jitgħabba b'nuqqasijiet proċedurali li hu ma kellux ħtija għalihom ...*

*In kwantu d-dmir ewlieni li l-kawżi jitmexxew b'ħeffa u effiċjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet u/jew tal-esperti tekniċi, dan jaqa' fuq il-Qorti u, ladarba hemm ukoll dmir fuq l-awtorità pubblika li tagħmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex il-qrati jkunu jistgħu jwettqu dan id-dmir tagħhom, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Ġenerali illi l-Istat għandu jkun eżonerat minn responsabbilità għal dewmien ta' tant snin biex tinqata' kawża ta' kumplessità mhux aktar mill-medja."*

***A.3. Delungar inutli minħabba sensiela ta' differimenti***

*Jeħtieġ jiġi rilevat ukoll fil-mori tal-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti saru diversi differimenti inutli u li għalihom ir-rikorrenti ma għandu l-ebda ħtija. Tali differimenti pprekludew lill-istess rikorrenti milli jkollu smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Is-segwenti huma differimenti li għalihom qiegħda ssir referenza:*

- *Nhar is-27 ta' Ottubru 2008 il-kawża ġiet differita stante li l-uffiċjal prosekutur ma setax jattendi;*[23]
- *Nhar it-30 ta' Marzu 2009 il-kawża ġiet differita stante li l-Maġistrat sedenti kien jinsab indispost;*[24]
- *Nhar l-14 ta' April 2009, il-kawża ġiet differita stante li l-uffiċjal prosekutur kien jinsab okkupat fuq xogħol ieħor;*[25]
- *Nhar id-19 ta' Novembru 2009 il-kawża ġiet differita stante li ma deherx il-koimputat Mario Spiteri;*[26]
- *Nhar l-4 ta' Mejju 2010 il-kawża ġiet differita stante li ma deherx il-koimputat Mario Spiteri;*[27]
- *Nhar l-14 ta' Ġunju 2010 il-kawża ġiet differita stante li l-Maġistrat sedenti kien jinsab indispost;*[28]
- *Nhar is-6 ta' Settembru 2010 il-kawża ġiet differita stante li l-uffiċjal prosekutur kien jinsab imsiefer fuq xogħol;*[29]
- *Nhar it-2 ta' Frar 2011 il-kawża ġiet differita stante li l-uffiċjal prosekutur kien jinsab imsiefer fuq xogħol;*[30]

---

[23] *A fol.* 85 tal-Atti Proċesswali.
[24] *A fol.* 106 tal-Atti Proċesswali.
[25] *A fol.* 107 tal-Atti Proċesswali.
[26] *A fol.* 122 tal-Atti Proċesswali.
[27] *A fol.* 125 tal-Atti Proċesswali.
[28] *A fol.* 126 tal-Atti Proċesswali.
[29] *A fol.* 127 tal-Atti Proċesswali.

- *Nhar it-28 ta' Novembru 2011 il-kawża ġiet differita stante li ma deherx il-koimputat Mario Spiteri;*[31]

- *Nhar il-21 ta' Frar 2012 il-kawża ġiet differita stante li l-uffiċjal prosekutur kien jinsab indispost;*[32]

- *Nhar it-2 ta' Lulju 2012 il-kawża ġiet differita stante li ma deherx il-koimputat Mario Spiteri;*[33]

- *Nhar it-12 ta' Marzu 2013 il-kawża ġiet differita stante li l-prosekuzzjoni kienet tinsab impenjata b'xogħol ieħor;*[34]

- *Nhar is-26 ta' Settembru 2013 il-kawża ġiet differita stante li l-Qorti kkonċediet differiment sabiex il-prosekuzzjoni teżamina jekk ikunx denju li jiġi ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju;*[35]

- *Nhar it-13 ta' Novembru 2014 il-kawża ġiet differita stante li l-imputat Mario Spiteri ma deherx, u f'dan l-istadju, għalkemm ġie ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju, il-proċeduri fil-konfront tal-istess Spiteri baqgħu jinstemgħu kontestwalment mal-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent;*[36]

- *Nhar l-1 ta' Ottubru 2015 il-kawża ġiet differita sakemm jiġi assenjat Maġistrat ġdid stante li l-Maġistrat sedenti rtira l-kawża.*[37]

*Fid-dawl tas-suespost, huwa opportun li ssir referenza għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet:* ***Joseph Lebrun vs Avukat Ġenerali:***

*"**<u>Il-verità hi illi ddaħħlet il-prassi – ħażina – illi l-prosekuzzjoni tmexxi l-każ bil-lajma, kultant tressaq xi xhud, kultant xi prova oħra u kultant lanqas biss tidher għas-seduta – bħallikieku din hija biss ħaġa fakoltattiva – u hekk il-kumpilazzjoni li jmissha tintemm fi żmien ta' ġimgħat tieħu s-snin.</u>** Kulħadd jaqbel li din hija prassi ħażina u ma huwiex meħtieġ intervent leġislattiv biex tinbidel, iżda xorta jibqa' jsir l-istess."*

*Issir ukoll referenza għas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet:* ***Il-Pulizija vs Silvio Zammit**, deċiża fis-26 ta' April,*

---

[30] *A fol.* 130 tal-Atti Proċesswali.
[31] *A fol.* 171 tal-Atti Proċesswali.
[32] *A fol.* 173 tal-Atti Proċesswali.
[33] *A fol.* 194 tal-Atti Proċesswali.
[34] *A fol.* 203 tal-Atti Proċesswali.
[35] *A fol.* 210 tal-Atti Proċesswali.
[36] *A fol.* 228 tal-Atti Proċesswali.
[37] *A fol.* 244 tal-Atti Proċesswali.

*2018,[38] fejn saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gatt vs Avukat Ġenerali**, deċiża fit-28 ta' Frar 2014, fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:*

*"Hu ormai ben assodat, kemm fil-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropea li, biex jiġi aċċertat jekk it-tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri kinux raġonevoli jew le għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni **għandhom jiġu eżaminati ċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ b'mod partikolari l-komplessità tal-każ li kien qed jiġi deċiż, kif ġab ruħu r-rikorrent fil-kors tal-proċeduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess proċess u x'kellu x'jitlef ir-rikorrent bħala konsegwenza tal-istess proċeduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jiġi deċiż b'mod finali l-każ**. (Vide **Frydlender vs France**, GC no. 30979/96, §43, ECHR 2000-VII; Q. Kos. **Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija et**, 28 ta' Jannar 2013, para. 22). Għalhekk f'kawża bħal din m'għandux biss sempliċiment jiġi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawża biex tiġi deċiża. Għandhom ukoll jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi oħra."*

*Illi każ jista' jkun kumplikat għal diversi raġunijiet fosthom volumi t'evidenza, in-numru ta' persuni akkużati, il-ħtieġa li tinkiseb evidenza minn barra minn Malta, il-kumplessità ta' punti legali kif ukoll il-ħtieġa ta' evidenza ta' akkużati oħra.*

*Fil-każ odjern, fir-rigward tal-kumplessità tal-każ, għandu jiġi rilevat illi tali kawża ma kellhiex kumplessità aktar mill-medja. Huwa minnu li kellhom jintbagħtu ittri rogatorji barra minn Malta, però tali fatt waħdu żgur ma jista' qatt jiġġustifika l-fatt li l-prosekuzzjoni damet total ta' għaxar (10) snin tkaxkar saqajha sabiex iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Bir-rispett qiegħed jiġi sottomess illi nuqqasijiet proċedurali, u ċioe dawk attribwibbli lill-Istat, m'għandhom qatt jitqiesu bħala parti mill-kumplessità tal-każ in eżami.*

*Għaldaqstant, tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, huwa manifestement ċar li l-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali twalu b'mod irresponsabbli għall-aħħar u b'konsegwenza ta' dan id-delungar inutli, fl-umli fehma tar-rikorrent ma jista' qatt jingħad illi huwa ngħata smigħ xieraq fi żmien raġonevoli hekk kif titlob il-liġi.*

## *Ċ. Konklużjoni*

*Fid-dawl tas-suespost ir-rikorrenti umilment jisħaq li huwa ampjament ċar li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq hekk kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

[38] Konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018.

1. *Tiddikjara l-aġir tal-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom; u*

2. *Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bħala rilevanti; u*

3. *Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa u opportuni skont il-liġi u ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

Rat ir-Risposta tal-intimati **Avukat Ġenerali** u tal-**Kummissarju tal-Pulizija** (minn issa 'l quddiem "l-intimati"), ippreżentata fit-30 ta' Settembru, 2019, fejn intqal hekk:

*"Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens illi, "Għaldaqstant, tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, huwa manifestement ċar li l-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali twalu b'mod irresponsabbli għall-aħħar u b'konsegwenza ta' dan id-delungar inutili, fl-umli fehma tar-rikorrenti ma jista' qatt jingħad illi huwa ngħata smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u hekk kif titlob il-liġi."*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi in linea preliminari, il-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex il-leġittimu kontradittur sabiex iwieġeb għall-ilment kif impustat mir-rikorrenti fir-rikors promutur tiegħu u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għandu għalhekk jiġi ddikjarat bħala tali u jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jissottomettu li huwa paċifiku li d-dritt għal smigħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha kif ukoll illi l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huwa essenzjalment il-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja;*

3. *Illi mill-inkartament tal-proċeduri kriminali numru 550/08 li jirrigwarda l-mertu tal-kawża odjerna li ġew deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Ottubru 2018 jirriżulta li r-rikorrenti*

*kien tressaq flimkien ma' persuna oħra (ċertu Mario Spiteri) talli fit-3 ta' Diċembru 2007 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, bil-ħsieb li jagħmel qligħ b'qerq għad-dannu tal-Casino di Venezia f'ammont ta' flus li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; li fl-istess perijodu, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorizzazzjoni uża l-kodiċi ta' dħul,* password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'kompjuter; fl-istess perijodu, lok u ċirkostanzi, ġiegħel b'xi mezz ta' rigali jew wegħdiet, lil Brian Dingli, kruppier fil-Casino di Venezia juża, jew ikollu fil-pussess tiegħu, ġewwa jew barra minn Casino, karti, dadi jew muniti li kien jaf li ġew markati, imtaqqla, jew imbagħbsa; u li kien sar reċidiv ai termini tal-Artikolu 49* et seq *tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tat-3 ta' Mejju 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula. Illi fil-kors tal-kumpilazzjoni ttellgħu numru konsiderevoli ta' xhieda u kien hemm ukoll il-ħtieġa tax-xhieda ta' persuna li kienet residenti fl-Awstralja. Illi kawża kienet tinvolvi ukoll reat li sabiex ikun ikkunsmat kien jinvolvi l-użu ta' mezzi teknoloġiċi li min-natura tagħhom jinvolvu livell ta' kumplessità għall-eżami tal-istess. Illi kien hemm diversi istanzi fejn il-koimputat li kien imressaq mar-rikorrenti ma deherx jew fejn ma ottemperax ruħu mal-ordnijiet tal-Qorti sabiex jippreżenta d-domandi tiegħu bil-miktub. Illi peress li l-koimputat ma attendiex għal numru ta' seduti konsekuttivi, il-Prosekuzzjoni fis-26 ta' Settembru 2013 talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju u fis-6 ta' Diċembru 2013 dina s-separazzjoni tal-ġudizzju ġiet ordnata mill-Qorti. Illi mill-proċess jirriżulta wkoll li kien hemm tentattivi kontinwi mill-awtoritajiet Maltin mal-awtoritajiet tal-Awstralja sabiex l-ittri rogatorji jiġu mwieġba iżda minkejja dan, kien biss fit-3 ta' Lulju 2018 li l-awtoritajiet tal-Awstralja bagħtu r-risposta tagħhom definittiva dwar l-ittri rogatorji. Illi wara tali risposta, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li semgħet il-partijiet għaddiet sabiex fid-29 ta' Ottubru 2018 tat is-sentenza tagħha.*

4. *Illi mill-iter proċesswali u meta wieħed jikkunsidra l-kwadru tal-fatti kollu fit-totalità tiegħu wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li ma kien l-ebda dewmien attribwibbli għall-Prosekuzzjoni u lanqas għall-awtorità ġudizzjarja. Illi l-każ tar-rikorrenti kien ta' ċertu kumplessità u dan peress li kien jinvolvi numru ta' xhieda kif ukoll ko-operazzjoni minn awtoritajiet barranin għas-smigħ tax-xhud Joseph Buttigieg. Illi anke l-fatt li r-rikorrenti kien oriġinarjament koimputat ma' persuna oħra u l-fatt li wara l-ordni tas-separazzjoni tal-ġudizzju l-kawża tiegħu baqgħet tinstema' kontestwalment*

*ma' dik tal-persuna l-oħra turi l-kumplessità involuta. Illi għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea hija bir-rispett kollu infondata u insostenibbli.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost,* dato ma non concesso *li kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ fi żmien raġonevoli, mill-atti proċesswali huwa manifest li r-rikorrent odjern kien akwijexxenti matul il-prosegwiment sħiħ tal-proċeduri kriminali li jiffurmaw il-mertu tal-kawża odjerna u qatt ma oġġezzjona jew ilmenta minn xi allegat preġudizzju li kien qed jikkawżalu l-allegat dewmien tal-proċeduri. Bir-rispett dovut, huwa għal kollox inawdit li imputat jibqa' għal kollox passiv matul il-proċeduri ġudizzjarji kontrih sabiex imbagħad sena wara li jiġu deċiżi tali proċeduri jilmenta għall-ewwel darba li matul l-imsemmija proċeduri kriminali ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u li l-allegat dewmien ikkawżalu danni.*

6. *Illi f'kull każ u bla ħsara għall-fatt li l-proċeduri odjerni mhumiex ta' culpa akwiljana jew kawża għad-danni, dato ma non concesso li kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ fi żmien raġonevoli, ir-rikorrenti jrid iġib prova tajba tal-allegati danni li ssubixxa kif ukoll irid juri li tali danni li allegatament ġarrab kienu l-konsegwenza diretta tal-allegat dewmien fil-proċeduri kriminali.*

7. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost,* dato ma non concesso *u biss għall-grazzja tal-argument li nkisru d-drittijiet ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli tar-rikorrenti kif allegat fir-rikors promutur, allegazzjoni li l-esponenti jopponu, ma hemm l-ebda lok għal rimedju jew kumpens pekunjarju u/jew non-pekunjarju ieħor kif mitlub mir-rikorrenti u dan stante li:*

   (a) *L-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbiliti* standards *u huwa s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-i*standards *li huwa r-rimedju ewlieni;*

   (b) *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-fatt li ma hemm lok għall-ebda rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrenti, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti kien dejjem assistit tul il-proċeduri kriminali minn avukat tal-għażla u tal-fiduċja tiegħu. Illi tenut kont li mill-verbal u mill-atti proċesswali ma jirriżultax li r-rikorrenti qatt ilmenta minn dewmien fil-proċeduri u/jew b'xi mod allega ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq matul dawk il-proċeduri, ir-rimedju mitlub f'dawn il-proċeduri mhuwiex ġustifikat. Illi ċertament li huwa d-dmir tad-difiża li tieħu sehem attiv fil-proċeduri kriminali u fejn jidhrilha li hemm dewmien li hija tirritjeni li mhux ġustifikat tipprotesta quddiem dik il-qorti ta' ġurisdizzjoni penali u*

*titlob li tingħata l-provvedimenti opportuni. Illi m'għandux jiġi premess u ppremjat il-fatt li r-rikorrenti qagħad passiv u ma jilmentax quddiem il-Qrati penali imbagħad wara li jinqatgħu l-proċeduri penali jippretendi kumpens;*

(c) *Illi dejjem mingħajr preġudizzju, hija l-umli fehma tal-esponenti li għalkemm dina l-Onorabbli Qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha tista' tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, inkluż jekk jidhrilha xieraq u opportun kumpens monetarju, l-ebda danni materjali ma jistgħu jiġu likwidati f'din is-sede;*

(d) *Illi f'kull każ u dejjem bla ħsara għall-premess, ma hemm l-ebda lok għall-għoti ta' kumpens fil-każ odjern.*

8. *Illi jsegwi għalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.*
9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*
10. *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti, kif ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni numru 550/08 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Vincent Muscat**, li ġew fi tmiemhom b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Ottubru, 2018.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Jannar 2020, fejn l-avukati difensuri tal-partijiet ingħataw l-opportunità li jressqu noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fl-24 ta' Ġunju, 2008 ir-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja, akkużat talli flimkien ma' ċertu Mario Spiteri, fit-3 ta' Diċembru, 2007 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti, u bil-ħsieb li jagħmlu qligħ għad-dannu tal-Casino di Venezia, urew dan il-ħsieb b'atti esterni, u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat id-deċiżjoni tagħha fid-29 ta' Ottubru, 2018, fejn ġie deċiż li ma kienx hemm biżżejjed provi sabiex issib lir-rikorrent ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u għalhekk dan ġie lliberat. Ir-rikorrent jgħid li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu twalu inutilment, u li l-perijodu ta' għaxar (10) snin sabiex ġew fi tmiemhom il-proċeduri kriminali mibdija kontra tiegħu, fejn huwa ġie akkużat b'attentat ta' frodi, kien perijodu twil inutilment. Ir-rikorrent jgħid li l-proċess ġudizzjarju kontra tiegħu kien wieħed li kien jinvolvi delungar inutli dovut prinċipalment għal (i) stennija twila għall-eżitu ta' sensiela ta' ittri rogatorji li l-prosekuzzjoni bagħtet lill-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Awstralja fejn emigra wieħed mix-xhieda ewlenin f'din il-kawża; (ii) għadd ta' differimenti minħabba li l-koimputat Mario Spiteri naqas milli jidher għal diversi seduti; (iii) kif ukoll għadd ta' differimenti oħra għal raġunijiet varji, li lkoll ikkontribwew għal dewmien fil-proċeduri. Ir-rikorrent jikkontendi li d-dewmien kien jammonta għal ksur tad-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrent isostni ukoll li dan ma kienx każ kumpless aktar mill-medja, u għalhekk dan il-każ kellu jiġi konkluż ferm qabel l-għaxar snin li damu għaddejjin il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu.

L-intimati min-naħa tagħhom wieġbu li dan kien każ kumpless għall-Prosekuzzjoni, li kien jinvolvi attentat ta' frodi permezz tal-użu ta' teknoloġija sofistikata u ta' kodiċi ta' terzi, l-użu ta' *passwords* u ta' ismijiet ta' diversi utenti, li l-Prosekuzzjoni kellha tinvestiga qabel setgħet tipproċedi kontra r-rikorrent. L-investigazzjoni tar-reat ukoll kienet waħda li tinvolvi teknoloġija u għarfien tal-mod kumpless li bih seta' jsir dan ir-reat, filwaqt li l-intimati kkonfermaw ukoll li l-fatt li ntbagħtu għadd ta' ittri rogatorji lejn l-Awstralja li damu ma ġew imwieġba, kif ukoll il-fatt li kemm ir-rikorrent kif ukoll il-koimputat Mario Spiteri naqsu milli jidhru għal xi seduti, ikkontribwew għal dewmien fil-proċeduri. L-intimati żiedu jgħidu iżda li ma kien hemm l-ebda dewmien attribwibbli għal xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni jew tal-awtorità ġudizzjarja, u dan kien każ kumpless li kien jinvolvi l-interrogazzjoni u s-smigħ ta' diversi xhieda, li sabiex seta' jiġi konkluż kienet meħtieġa l-koperazzjoni ta' diversi awtoritajiet ġudizzjarji barranin. L-intimati qalu wkoll li matul il-prosegwiment tal-proċeduri kriminali, ir-rikorrent kien akwijexxenti u fl-ebda punt tal-proċeduri kriminali ma oġġezzjona jew ilmenta li dan id-dewmien lilu kien qiegħed jippreġudikah.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Il-Qorti ħadet konjizzjoni l-atti tal-kumpilazzjoni numru 550/15 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Vincent Muscat**, li ġew allegati mal-atti ta' din il-kawża permezz ta' digriet tad-9 ta' Diċembru, 2019, minn fejn jirriżultaw dettalji dwar l-investigazzjoni kriminali, li saret mill-Pulizija, kif ukoll dettalji dwar il-proċess ġudizzjarju li wassal għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tar-rikorrent tad-29 ta' Ottubru, 2018.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Diċembru, 2019 il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-**PL Eunice Grech Fiorini**, Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, li kkonfermat li l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ġew ippreżentati fl-24 ta' Ġunju, 2008 u ġew deċiżi fid-29 ta' Ottubru, 2018.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Ir-rikorrent jilmenta li sofra ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, prinċipalment tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, minħabba dewmien sabiex ġew fi tmiemhom proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, fejn huwa kien akkużat b'attentat ta' frodi għad-dannu tal-Casino di Venezia, flimkien ma' koimputat ieħor. Minn eżami tal-iter proċesswali, jirriżulta li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti Struttorja) fl-24 ta' Ġunju, 2008, flimkien mal-koimputat Mario Spiteri, fejn ġie akkużat talli fit-3 ta' Diċembru, 2007 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti, u bil-ħsieb li jagħmel qligħ għad-dannu tal-Casino di Venezia f'ammont li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€2,329.37), immanifesta dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu. F'dik is-seduta, ir-rikorrent kien informa lill-Qorti li huwa ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja. Dakinhar l-Avukat Ġenerali ma kienx f'pożizzjoni li jagħti l-kunsens tiegħu bil-miktub għal smigħ bi proċedura sommarja, għalkemm f'seduta sussegwenti, l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu għal dan, u b'hekk il-Qorti kkonvertiet ruħha f'waħda ta' ġurisdizzjoni

kriminali u bdiet tisma' l-provi. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta minħabba li l-proċess ġudizzjarju fil-konfront tiegħu kien jinvolvi delungar inutli da parti tal-intimati, u jispeċifika li dan id-delungar kien dovut għall-fatt li l-awtoritajiet Maltin bagħtu ittri rogatorji l-Awstralja li damu ma ġew imwieġba, għall-fatt li l-koimputat Mario Spiteri naqas milli jidher għal diversi seduti, kif ukoll għaliex kien hemm għadd ta' differimenti għal raġunijiet varji, sal-punt li l-Prosekuzzjoni damet b'kollox għaxar snin biex għalqet il-provi tagħha, terminu ta' żmien li r-rikorrent jgħid li mhux wieħed raġonevoli. Il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) f'sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2018 kienet iddeċidiet li ma kienx hemm biżżejjed provi fil-konfront tar-rikorrent, u konsegwentement dan ġie lliberat mill-akkużi miġjuba kontrih.

Ir-rikorrent spjega li l-Pulizija bdiet tinvestiga l-każ f'Diċembru tal-2007. Jirriżulta li din l-investigazzjoni bdiet wara rapporti li saru mill-*management* tal-Casino di Venezia dwar suspetti li dawn kellhom għaliex ir-rikorrent kien għamel sensiela ta' rebħiet fuq waħda mis-sistemi adoperati mill-istess Casino, liema rebħiet dehru suspettużi. Is-suspett ewlieni tal-kwerelanti kien li r-rikorrent u l-koimputat Mario Spiteri kienu megħjuna minn impjegati tal-Casino di Venezia stess sabiex jirnexxu f'dak li riedu jagħmlu, u li dan l-attentat ta' frodi kien jinvolvi l-użu ħażin tas-sistemi tal-Casino kif ukoll l-iżvelar ta' *passwords,* kodiċi u sistemi teknoloġiċi sofistikati. Ir-rikorrent jallega li minkejja li kien hemm terzi implikati f'dan ir-reat, il-Pulizija baqgħet qatt ma ressqet lil dawn il-persuni sabiex jixhdu fil-proċeduri kriminali kontrih. Wieħed minn dawn it-terzi kien ċertu Joseph Buttigieg, li kien emigra lejn l-Awstralja fl-2008, u r-rikorrent qal li minkejja li l-Prosekuzzjoni kienet ilha taf li dan ix-xhud emigra mill-anqas sa minn Jannar tal-2009, kien biss fl-10 ta' Settembru, 2009 li l-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li kienet qiegħda tikkonsulta mal-

Avukat Ġenerali dwar il-ħtieġa li jintbagħtu ittri rogatorji lejn l-Awstralja, sabiex dan ix-xhud ikun jista' jagħti d-depożizzjoni tiegħu. Ir-rikorrent qal ukoll li l-ewwel sett ta' ittri rogatorji ġew ippreżentati permezz ta' rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija fit-18 ta' Mejju, 2010, iżda dak iż-żmien id-difiża tar-rikorrent kienet oġġezzjonat dwar ċertu domandi li tħejjew għax-xhud. L-ittri rogatorji riveduti intbagħtu f'Ġunju tal-2011, iżda minkejja dan, il-proċeduri reġgħu weħlu prinċipalment minħabba f'diffikultajiet li tqajmu min-naħa tal-awtoritajiet Awstraljani. Għal xi żmien kienet esplorata wkoll il-possibilità li dan Joseph Buttigieg jixhed permezz ta' *video conference,* iżda dan baqa' ma mmaterjalizzax. F'Novembru tal-2015 kien hemm bidla fil-Maġistrat li kienet qiegħda tisma' l-proċeduri kriminali, iżda dan il-fatt m'affettwax l-andament tal-istess proċeduri, kif jirriżulta mill-verbali. Ir-rikorrent jirrikonoxxi li parti sostanzjali minn dan id-dewmien huwa dovut għall-aġir tal-awtoritajiet Awstraljani, iżda jgħid ukoll li d-dewmien sabiex jaslu r-risposti għall-ittri rogatorji huwa responsabbilità tal-Prosekuzzjoni. Ir-rikorrent jgħid ukoll li parti mid-delungar sabiex il-proċeduri ġew fi tmiemhom kien dovut għall-fatt li l-koimputat Mario Spiteri ma baqax jidher il-Qorti u kien hemm żmien meta l-Prosekuzzjoni kienet infurmat lill-Maġistrat sedenti li Mario Spiteri ma setax jiġi rintraċċat. Ir-rikorrent jgħid li minkejja li fis-6 ta' Diċembru, 2013, il-Qorti kienet ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju sabiex il-proċeduri kontra r-rikorrent u kontra Mario Spiteri jkunu jistgħu jinstemgħu separatament, minn verbali sussegwenti jirriżulta li l-proċeduri kontra Mario Spiteri baqgħu jinstemgħu flimkien mal-proċeduri kontra r-rikorrent, u għalhekk l-ordni għas-separazzjoni tal-ġudizzju saret inutilment. Ir-rikorrent jgħid ukoll li tul iż-żmien kollu sabiex il-proċeduri kriminali ġew fi tmiemhom, kien hemm delungar minħabba sensiela ta' differimenti li ngħataw, fosthom għal raġunijiet ta' safar, li r-rikorrent ma kienx jaħti għalihom. Qal ukoll li din il-kawża ma kinitx

kumplessa aktar mill-medja, u għalhekk il-Prosekuzzjoni ma kellhiex tieħu għaxar snin sabiex tiddikjara l-provi magħluqa. Ir-rikorrent jilmenta li minħabba dan l-aġir tal-Prosekuzzjoni, huwa ma ngħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif titlob il-liġi, u dan bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Fit-talbiet tiegħu lil din il-Qorti, ir-rikorrent qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat li l-aġir tal-intimati huwa wieħed illegali u li jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu stante li jikser l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Talab ukoll li jingħata kumpens xieraq għal tali leżjoni, filwaqt li talab lill-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet u d-direttivi l-oħra li hija jidhrilha li huma xierqa skont il-każ.

L-intimati argumentaw li d-dritt għal smigħ xieraq irid jiġi evalwat fid-dawl tat-totalità tal-proċeduri, tenut kont tal-kumplessità tal-każ, tal-aġir tal-partijiet fil-kawża, kif ukoll tal-aġir tal-awtorità ġudizzjarja, għaliex kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, ir-reat inkwistjoni kien wieħed kumpless li kien jinvolvi t-tħaddim ta' teknoloġija sofistikata sabiex seta' jiġi investigat. Mill-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija wasslu biex ġew mistħarrġa diversi persuni, saret investigazzjoni dwar l-operat tal-Casino u dwar il-logħob partikolari li permezz tiegħu sar l-allegat attentat ta' frodi, u ġew eżaminati diversi sistemi teknoloġiċi li setgħu ntużaw fit-twettiq tal-imsemmi reat. Il-Qorti semgħet ukoll id-depożizzjoni ta' diversi xhieda. Bla dubju, wieħed mill-fatturi li żamm il-proċeduri milli jimxu b'ritmu aktar mgħaġġel, kien il-fatt li wieħed mix-xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni, ċertu Joseph Buttigieg, kien emigra lejn l-Awstralja qabel is-sajf tal-2008, u għalhekk il-Prosekuzzjoni kellha tibgħat ittri rogatorji u titlob il-kooperazzjoni ta' awtoritajiet ġudizzjarji barranin sabiex dan Buttigieg ikun jista' jiddeponi fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent. L-intimati saħqu li ma kien hemm ebda

dewmien li jista' jiġi attribwit lilhom, għaliex il-każ minnu nnifsu kien wieħed kumpless u kien jinvolvi l-koperazzjoni ta' awtoritajiet ġudizzjarji barranin sabiex seta' jiġi konkluż. Qalu wkoll li tul il-prosegwiment tal-proċeduri kriminali, ir-rikorrent kien akwijexxenti għax qatt ma oġġezzjona jew ilmenta li dan id-dewmien kien qiegħed jippreġudikah.

Il-Qorti tibda billi tirrimarka li la fil-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas fil-Konvenzjoni Ewropea m'hemmx tifsira ta' x'inhu żmien raġonevoli sabiex proċeduri ġudizzjarji jiġu maqtugħa jew jiġu fi tmiemhom. Kwantu għal dak li huwa tul raġonevoli ta' kawża, jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tagħha.[39] Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Sydney Ellul Sullivan *vs.* Kummissarju tal-Pulizija et**[40], il-Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet li fost il-kriterji rilevanti għad-determinazzjoni ta' x'inhu żmien raġonevoli, għandhom jiġu kkunsidrati l-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża, kif ukoll l-imġiba ta' min ikun qiegħed iressaq l-ilment. L-ebda fattur waħdu mhuwa konklussiv, iżda huwa l-effett kumulattiv ta' dawn id-diversi fatturi li jiddetermina jekk iż-żmien biex proċeduri ġew fi tmiemhom kienx wieħed raġonevoli jew le. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **David Marinelli *vs.* Avukat Ġenerali**[41], il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> "B'mod ġenerali, biex jiġi determinat jekk is-smigħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarux fi żmien raġonevoli kif mitlub mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proċeduri, u b'mod partikolari:
>
> 1. In-natura u/jew komplessità tal-każ in kwistjoni;
> 2. Il-kondotta tal-partijiet fil-kawża;
> 3. Il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess."

[39] **X *vs.* Belgium**, 12.03.1962, Kummissjoni Ewropea.
[40] 28.01.2013.
[41] 03.07.2008.

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Francis Theuma *vs* Avukat Ġenerali**[42], intqal illi:

> "S'intendi, dawn il-kriterji jridu jiġu applikati għall-każ konkret u mhux fl-astratt, b'mod għalhekk li għandu jiġi eżaminat sew il-proċess li jkun qed jiġi allegat li jagħti lok għall-ksur lamentat. Ma hemmx, għalhekk, xi perijodu pre-determinat, applikabbli għal kull każ, li jekk jinqabeż ikun hemm ksur minħabba dewmien mhux raġonevoli.
>
> ...
>
> F'dan l-isfond għalhekk wieħed irid iqis il-fatturi kollha u ċ-ċirkostanzi kompleti sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tar-raġonevolezza o meno tad-dewmien lamentat."

Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Said *vs.* Avukat Ġenerali**[43], fejn intqal illi:

> "Għalhekk skont dawn il-prinċipji l-ebda fattur partikolari ma huwa waħdu konklussiv, imma l-Qorti trid teżamina l-fatturi kollha separatament biex tivvaluta l-effett kumulattiv fuq il-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tara jekk dawn ġewx magħluqa fi żmien raġonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leżiv mentri fatturi oħrajn ma kinux."

F'dan il-kuntest din il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tiċċita dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **John Bugeja *vs.* Avukat Ġenerali et**[44], fejn persuna li kienet qiegħda tiffaċċja proċeduri penali, ilmentat minħabba d-dewmien esaġerat biex tali proċeduri ġew fi tmiemhom:

> "18. Id-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata għeluq iż-żmien raġonevoli, jimponi tassattivament fuq l-Istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-seħħ sistema effiċjenti t'amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-ġudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-Istat. Fis-sistema tagħna, huma ż-żewġ kolonni l-oħra tal-Istat ċioe l-eżekuttiv u l-leġislattiv, li għandhom obbligu li jipprovdu r-riżorsi, l-istrutturi u l-għodod l-oħra kollha neċessarji biex il-Qrati jkunu f'pożizzjoni li jwettqu ġustizzja fi żmien raġonevoli.

---

[42] 27.06.2003.
[43] 11.11.2011.
[44] 11.08.2003.

19. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem għallmet li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

> *"... imposes on the Contracting State the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision* ***Salesi vs Italy*** *(26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility* ***Katte Klitsche de la Grange vs Italy*** *(27/10/1994) – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18)."*

20. Biex wieħed jasal għal deċiżjoni jekk kawża nqatgħetx fi żmien raġonevoli jew le, wieħed irid iqis il-fattispeċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fosthom, *"the complexity of the case, and ... the conduct of both the applicant and the competent authorities* ***(Buccholz vs Germany*** *06/05/1981 para. 49),* kif ukoll *"the importance of what was at stake for the applicant in the litigation"* (***Gast & Popp vs Germany*** *25/02/2000 para. 70)."*

Il-Qorti kkonsidrat li l-akkużi li kien qiegħed jiffaċċja r-rikorrent kienu marbuta ma' attentat ta' frodi, li kienet imfassla biex tirnexxi għad-detriment tal-Casino di Venezia bl-applikazzjoni ta' makkinazzjonijiet sofistikati u bl-involviment ta' għadd ta' persuni, inkluż impjegati tal-istess Casino. Il-fatt li r-rikorrent ma nstabx ħati mill-Qorti tal-Maġistrati għaliex tqies li m'hemmx biżżejjed provi kontra tiegħu, m'għandux iwassal għall-konklużjoni erronea li l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent saru inutilment, jew li dawn kienu fiergħa. Lanqas m'għandu wieħed jasal għall-konklużjoni li l-Pulizija ma kellhomx dritt jinvestigaw rapport li sarilhom, partikolarment meta dan l-attentat ta' frodi sar fuq casino, li huwa post li joffri xogħol lil diversi persuni, u fejn it-tmexxija ta' dan il-casino riedet is-serħan il-moħħ li l-persuni li timpjega magħha ma jagħmlu xejn li jista' jxekkel l-operat tal-casino milli jkun suċċess. F'dan il-kuntest il-Qorti kkonsidrat li l-Pulizija kellha tinvestiga x-xilja li r-rikorrent kien involut f'attentat ta' frodi bl-involviment ta' għadd ta' impjegati tal-istess casino, kif jirriżulta minn dak li xehed l-Ispettur Angelo Gafà quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u li l-ġbir tal-provi f'dan ir-rigward kien

tali li l-Pulizija kellha tagħmel kuntatt ma' awtoritajiet ġudizzjarji lil hinn minn xtutna. Waħda mill-problemi ewlenin kienet tinvolvi l-ittri rogatorji li ntbagħtu lill-awtoritajiet Awstraljani sabiex l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Awstralja jawtorizzaw is-smigħ tax-xhieda ta' Joseph Buttigieg. Ir-risposta min-naħa tal-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Awstralja damet ma ngħatat sa Lulju tal-2018. Minkejja dan jirriżulta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati (bħala qorti ta' ġudikatura kriminali) semgħet xhieda oħra u mexxiet il-kawża bl-aħjar mod li setgħet, tant hu hekk li fid-29 ta' Ottubru tal-istess sena, ingħatat is-sentenza li permezz tagħha r-rikorrent ġie lliberat mill-akkużi mressqa kontrih.

Wara li eżaminat l-iter tal-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, din il-Qorti tinsab konvinta li għalkemm huwa minnu li dawn il-proċeduri ħadu għaxar snin biex ġew konklużi, però dan id-dewmien m'għandux jiġi attribwit għal xi nuqqas tal-intimati, partikolarment meta r-risposti għall-ittri rogatorji li ntbagħtu lill-awtoritajiet Awstraljani ma kinux jiddependu minnhom biex jiġu mwieġba. Minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali, ix-xhieda u l-provi li l-intimati ppruvaw jiksbu permezz tal-ittri rogatorji mibgħuta minnhom, kienu provi kruċjali sabiex jiġu determinati l-proċeduri kriminali li l-Qorti tal-Maġistrati kellha quddiemha, peress li Joseph Buttigieg kien wieħed mix-xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni. Il-Qorti qieset ukoll li r-rikorrent min-naħa tiegħu kien akwijexxenti għall-proċeduri kollha li ttieħdu fil-konfront tiegħu u li fl-ebda waqt tal-proċediment tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma lmenta minħabba d-dewmien jew minħabba li l-andament tal-proċeduri kien qiegħed jippreġudikalu l-pożizzjoni tiegħu. Kien biss wara li dawn il-proċeduri ġew fi tmiemhom b'eżitu favorevoli għar-rikorrent, li dan fetaħ il-proċeduri odjerni sabiex jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu minħabba dewmien. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li l-fatt li ngħataw għadd ta' differimenti wara li l-persuna ko-akkużata mar-rikorrent naqset milli tidher għal għadd ta'

seduti, mhijiex xi ħaġa li għandhom iwieġbu għaliha l-intimati. Persuna akkużata fi proċeduri kriminali għandha jedd li tkun preżenti waqt il-prosegwiment tal-proċeduri kontriha, u l-Qorti ma tkunx tista' tipproċedi bis-smigħ tal-kawża f'każ li dik il-persuna tonqos milli tidher quddiemha. F'dan il-każ, il-kumplessità tal-każ kienet waħda tali li l-Qorti qieset li ma setgħetx tipproċedi kontra r-rikorrent u kontra l-koimputat Mario Spiteri separatament, u minkejja li kien ingħata digriet fejn ġiet ordnata s-separazzjoni tal-ġudizzju fil-konfront taż-żewġ koimputati, sussegwentement ittieħdet id-deċiżjoni li l-proċeduri fil-konfront taż-żewġ koimputati jitkomplew flimkien. Għal dan ukoll m'għandhomx iwieġbu l-intimati, partikolarment meta jirriżulta li fiż-żmien li l-proċeduri tkomplew b'dan il-mod, ir-rikorrent m'għamel xejn sabiex jindirizza dan il-fatt jew b'xi mod joġġezzjona mal-Qorti. Fir-rigward tad-differimenti l-oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għal raġunijiet varji, din il-Qorti tosserva li huwa minn ewl id-dinja li fuq medda ta' għaxar snin, jinqalgħu ċirkostanzi li minħabba fihom il-proċeduri ma jkunux jistgħu jitkomplew u l-Qorti jkollha tagħti differiment għal seduta oħra, minħabba pereżempju l-bidla tal-Maġistrat sedenti, jew l-indispożizzjoni ta' xi ħadd mill-partijiet. B'dan ma jfissirx li b'xi mod ġew leżi l-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq, partikolarment meta wieħed iqis li minkejja d-differimenti li ngħataw għal raġunijiet varji, ir-raġuni ewlenija għalfejn il-proċeduri damu ma ġew konklużi kienet l-istennija għal tweġiba għall-ittri rogatorji mibgħuta, li ma kienx jiddependi mill-intimati f'din il-kawża biex jiġu mwieġba. Irid jiġi enfasizzat li l-istennija għal tweġiba tal-imsemmija ittri rogatorji ma saritx b'kapriċċ, iżda għaliex ix-xhud inkwistjoni kien meqjus bħala x-xhud prinċipali fil-każ li l-Prosekuzzjoni riedet tipprova kontra r-rikorrent. Il-Qorti hija tal-fehma li dan id-dewmien ta' għaxar snin ma kienx wieħed kapriċċuż, jew intiż biex jippreġudika lir-rikorrent, iżda kien

żmien meħtieġ biex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tikkonkludi l-provi tagħha bl-aktar mod sħiħ, u dan dejjem sabiex issir ġustizzja mal-partijiet kollha involuti fil-kawża. Din il-Qorti tqis għalhekk illi mill-assjem taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ma kien l-ebda dewmien attribwibbli għall-Prosekuzzjoni u lanqas għall-awtorità ġudizzjarja.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati;**
2. **Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, stante li mill-assjem taċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirriżultax li kien hemm xi aġir illegali da parti tal-intimati fil-konfront tar-rikorrent li wassal għal xi leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tar-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**